**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Martin Cachia**
**Kevin Micallef**
**Dragomir Ivanovich Ivanov**
**Daniel Tonna**

Numru: 14/2012

Illum 19 ta' Novembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Martin Cachia,** ta' tlieta u hamsin (53) sena, bin Michael u Josephine nee' Aquilina, imwieled Pieta`, nhar id-29 ta' Marzu 1959, residenti fil-fond numru 238, Casa Martina, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 235859M, **Dragomir Ivanovich Ivanov,** ta' sebgha u tletin (37) sena, iben Ivan u Tatiana nee' Doncherova, imwieled Stabropo, Russja, nhar il-15 ta' Frar 1975, residenti fil-fond Winston House, Triq il-Fliegu, Qawra u

detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 59890A, **Kevin Micallef**, ta' tlieta u erbghin (43) sena, bin John Mary u l' Carmelina nee' Spiteri, imwieled Pieta`, nhar il-15 ta' Novembru 1968, residenti fil-fond Winston House, Triq il-Fliegu, Qawra u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 481868M u **Daniel Tonna**, ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, bin Victor u Emily nee' Scerri imwieled Pieta', nhar id-29 ta' Novembru 1983, residenti fil-fond numru Seascape, Block B, Flat 6, Triq l-Imrejkba, Qawra u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 594383M;

Akkuzati talli nhar id-19 ta' Frar 2012, gewwa, Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex, ghal habta tas-saghtejn u nofs (02 :30hrs) ta' filghodu;

a) assocjaw ruhom sabiex attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe` PS1464 Michael Portelli, PC242 Raymond Buttigieg u PC1371 Alfred Grech filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti,

b) ukoll talli ingurjaw, jew heddew, jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku cioe` PS1464 Michael Portelli, PC242 Raymond Buttigieg u PC1371 Alfred Grech waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

c) bil-hsieb li jikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC1371 Alfred Grech jew li jqieghdulu l-hajja tieghu f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-istess Grech jew igibulu dizordni f'mohhu urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi xejru daqqiet lejn l-imsemmi Grech, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom;

d) talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC1371 Alfred Grech;

e) ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament bil-lejl, kisru il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

f) kisru il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, kif ukoll dagha u kliem fahxi;

g) ukoll talli f'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kienu fis-sakra f'mod li ma kinux jistghu jiehdu hsieb taghhom innifishom;

Lil **Kevin Micallef** u lil **Dragomir Ivanovich Ivanov** biss:

h) saqu jew ippruvaw isuqu jew kellhom kontroll ta' vettura fi triq jew f'post pubbliku meta ma kinux f'kundizzjoni li jsuqu filwaqt li kienu taht l-influwenza tal-alkohol jew ta' sustanzi ohra li jaffettwaw jew inaqqsu l-kapacitajiet taghhom kemm tal-mohh, kemm tal-gisem;

Lil **Martin Cachia** u lil **Kevin Micallef** biss:

i) irrendew ruhom recedivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gew misjuba hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula ;

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' PS1464 Michael Portelli, PC242 Raymond Buttigieg u PC1371 Alfred Grech jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil **Martin Cachia, Dragomir Ivanovich Ivanov, Kevin Micallef** u **Daniel Tonna** b'obbligazzjoni taghhom innifishom taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 555 u 556) datata 7 ta' Ottubru 2013 li permezz taghha baghat lill-imputati Martin Cachia, Dragomir Ivanovich Ivanov, Kevin Micallef u Daniel Tonna biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

**Fil-konfront ta' Martin Cachia, Dragomir Ivanovich Ivanov, Kevin Micallef u Daniel Tonna:**

1. fl-Artikoli 48A, 95 u 96(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-Artikoli 41(1)(a), 216 u 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 221u 222(1)(c), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 338(g), 338(m), 338(bb), 338(dd), 338(ee) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' Kevin Micallef u Dragomir Ivanovich Ivanov:**

7. Fl-Artikoli 15A u 15H(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' Martin Cachia, Kevin Micallef u Daniel Tonna:**

8. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tad-9 ta' April 2014 (*a fol.* 596 u 597), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-7 ta' Ottubru 2013, u f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Semghet sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u d-difiza u kien hemm qbil dwar il-parametri l-Qorti ghandha timxi maghhom meta taghti s-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati fis-seduta tal-lum ammettew l-akkuzi migjuba kontrihom.

Illi dan il-kaz sehh qabel l-emmendi tal-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti qieset il-fatt li dan il-kaz fuq incident waqt il-Karnival ha daqshekk fit-tul biex ikun deciz.

Il-Qorti taghmilha cara li filwaqt li tajjeb li jkun iccelebrat il-Karnival, dan mhux perjodu li fih permess il-libertinagg u l-ksur tal-ligi. Ghandha tispicca darba ghal dejjem l-idea li f'Ghawdex f'dan il-perjodu jista' jsir li jrid anke l-ksur tal-ligi bi skuza tal-Karnival.

Il-Qorti mhix se tittollera li dan jibqa' jsir u mhux se thalli min itappan din it-tradizzjoni b'abbuz tal-alkohol, drogi u mgieba kundannabbli.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 7 ta' Ottubru 2013, issib lill-imputati **Martin Cachia, Kevin Micallef, Dragomir Ivanovich Ivanov** u **Daniel Tonna** hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien sentejn mil-lum, u fir-rigward ta' tal-imputat **Dragomir Ivanovich Ivanov <u>biss</u>** li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata;

Inoltre l-Qorti tikkundanna lill-imputati **Martin Cachia, Kevin Micallef** u **Daniel Tonna** ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt ewro (€ 500) kull wiehed;

Finalment il-Qorti qed torbot lill-imputati kollha biex ma jersqux ghall-karnival tan-Nadur 2016.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**